# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 2/2019

24 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċiviet e-mail b'ċertifikat mingħand il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala għaliex ma kienx jiflaħ. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi update rigward ref 1.2.2 (data meta ġej is-Surveyor) Is-Sindku qal illi s-Surveyor kien ġej sabiex jagħti l-livelli fi Triq San Tumas nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2019.

Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-Paying Agency sabiex jigwidawna nistghux inqabbdu l-Period Contractor tagħna sabiex jirranġa il-parti l-ħażina fi Triq San Tumas u nistgħux nnaqqsu l-ammont tal-ispejjeż sabiex tiġi rranġata t-triq mill-kont tal-kuntrattur. (dejjem jekk il-kuntrattur tibqa' twebbes rasha u ma tirranġax fil-ħin).

2.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet konniex irċievejna mingħand Transport Malta rigward ref punt 1.2.3 (Car Sharing). Is-Sindku qal illi dment li ma jkunx qiegħed jintuża l-parking bay fil-pjazza ma jaffetwaniex u li l-Kunsill diġa' kien indika parkeġġ fi Triq il-Menqa li jista' jiġi utillizzat.

2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 1.2.8 (yellow lines Triq San Gorg). Is-Sindku qal illi forsi jmorru flimkien sabiex nidentifikaw kemm għandu jkun twil il-yellow line.

2.2.4 Is-Sindku qal ill rigward ref punt 1.2.8 (planting scheme) tal-Cleansing Department kienu kellmuh li ser jibdew it-tindif dik il-ġimgħa u sal-ġimgħa ta' wara x-xogħol kellu jkun lest.

2.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 1.3.1 (Triq il-Kuċċard) ix-xogħol ta' tindif kien reġa' beda. Huwa qal illi f'din l-area x-xogħol ma jistax isir bl-addoċċ minħabba s-sensittivita' tal-area u filfatt ix-xoghol qed ikun kontiwament sorveljat minn monitor tal-arkeologija.

2.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 1.3.4 (bdil ta' konfini maż-Żurrieq) huwa kien tkellem mad-Direttur Ġenerali, li qallu li din ser idaħħluha fl-emendi tal-liġijiet il-ġodda.

2.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 1.3.5 (sqaq Ħannux) ix-xogħolijiet kienu bdew.

Is-Sindku qal illi hekk kif kien qiegħed bix-xogħolijiet forsi nistgħu nirranġaw ir-roundabout il-fuq miċ-ċimiterju. Huwa qal forsi minflok konkos ikun aħjar illi ssir bit-tarmak u niżbgħuha bil-kulur sabiex tkun tidher li hemm roundabout, għaliex minħabba illi l-karozzi il-ħin kollu jitilgħu fuqha kienet qiegħda dejjem tinkiser. Il-Kunsill ma qabilx għaliex kemm ilha li saret din ir-roundabout ma sarux aktar inċidenti.

2.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 1.3.5 (Triq ili-Fenici) huwa ried iffisser mhux klawsola essaċċ imma l-ewwel ammont ta' metre jkunu ogħla u li jkun ħaseb għalihom fil-kuntratt.

2.2.9 Is-Sindku qal illi ref punt 1.37 il-Party tal-Karnival ser isir fil-5 ta' Marzu filgħodu.

2.2.10. Is-Sindku qal illi ref punt 1.8 (attivita' Blue Light Foundation) huwa kien issettja laqgħa sabiex ikollna aktar informazzjoni x'ser isir waqt l-attivita'. Huwa qal illi li jkun hawn il-Banka tad-Demm waqt l-attivita' huma stess qiegħdin isemmuha, pero' is-Sindku qal illi hemm l-għażla fejn il-Kunsill jattendi bħala grupp.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Blood Donation Unit jistgħu jiġu Ħal Safi nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu pero' s-Sindku qal illi għandna nikkonfermaw wara l-laqgħa mal-Blue Light Foundation.

2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku qal illi meta konna Santiago kienu stiednuna sabiex nieħdu sehem fi proġett Kulturali li fih kien irrappreżenta lil Kunsill is-Sur Curmi u persuna oħra minn V18. Is-Sindku qal li issa kien imiss it-tieni konferenza ta' dan il-proġett f'Santagio di Compostela. Il-Kunsill qabel illi għandhom jatendu għal din is-sezzjoni tal-proġett l-istess persuni. Is-Sindku qal illi it-tielet sezzjoni ser tkun f'Malta u għalhekk ikollna nospitawhom aħna. Is-Sindku qal illi s-sezzjoni ta' Malta ser tkun bejn it-8 u l-11 ta' Mejju 2018.

2.3.2 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex nerġgħu nwaħħlu bin tal-klieb fi Triq il-Feniċi għaliex li kien hemm inqala' sabiex intuża xi mkien ieħor. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru żewġ bins tal-klieb.

2.4. Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Kuċċard kien hemm żewġ ħofor. Is-Sindku qal illi kien diġa kellem lill-Perit tal-Kuntrattur li qiegħed jaħdem f'din it-triq sabiex jiġu rranġati.

2.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Sleep Over taż-żagħżagħ ser ssir bejn is-16 u is-17 ta' Marzu 2019.

2.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Ħarġa Kulturali tal-Belt kienet marret tajjeb ħafna. Hija qalet illi xtaqet illi kieku kienet infurmata minn qabel li kien mistieden il-Ministru. Is-Sindku ta spjegazzjoni li ma kienx huwa li stieden lil Ministru.

2.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq tal-Ajzar fejn kien hemm l-arblu kien hemm lok għal żewġ parkeġġi u għandna nagħmlu l-linji bojod sabiex isir parkjar aħjar.

2.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa min kien li bagħat l-inviti għal kunċert li sar flimkien mal-Paroċċa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien bagħat biss l-inviti tal-Kunsilliera u l-Membri Parlamentari tad-Distrett. Is-Sindku kkonferma illi l-inviti tal-Membri Parlamentari tad-distrett intbaghatu bil-posta.

2.5 Tender Restoration Ġnien ta' Ball

Is-Sindku qal illi għat-tender tar-Restoration ta' Ġnien ta' Ball kienet intefgħet offerta waħda. Huwa qal illi kien tkellem mal-Perit illi qiegħed jassigurah illi l-kuntrattur li tefa' l-tender kien wieħed mill-aħjar għar-restawr u għalhekk jissuġerixxi illi jekk kollox ikun konformi għandna nmexxu fuq dan it-tender.

2.6 Rapporti
Budget għas-sena 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Il-budget annwali għas-sena 2019 li kienet għamlet u li kien tqassam lill-Kunsilliera qabel is-seduta. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

2.7 Korrispondenza

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat e-mail li konna rċievejna mid-Dipartiment sabiex ngħinu lil Identity Card Malta sabiex jitqassmu d-dokumenti lil nies barranin. Hija qalet li rridu nipprovdu kamra magħluqa sabiex isir dan, pero' l-Kunsill ma qabilx peress li m'għandnix post addattat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat e-mail mid-dipartiment fuq ilment li rċieva mid-dipartimet minħabba il-bollard ta' Sqaq Santa Marija. Il-Kunsill ma qabilx illi għandha titnehha l-bollard għaliex kulħadd għandu d-dritt illi jidħol u jħott fl-isqaq u ma qabilx ukoll illi għandha tinżel u titla' b'mod elettroniku.

Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail 51/0034 rigward il-Festa tan-nar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi r-Reġjun jistaqsu lill-Kunsilli jekk humiex interessati li ssir fil-lokalita' tagħhom.

Is-Sindku staqsa rigward e-mail 51/0029 rigward tibdil fin-numri tad-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċevejna avviż għaliex kienu ser jinbidlu xi numri f'erba' toroq.

2.8 Korrsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.55 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 fit-3:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv